Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAR-RABA LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 8 ta' Lulju 2015 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 7.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA- SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI - MS |
| **Kunsilliera** | Sinjura | MARISA ABELA- MA |
| | Sur | RAYMOND AZZOPARDI- RA |
| | Sur | RALPH CASSAR- RC |
| | Sur | JOHN DEBONO- JD |
| | Sur | ALEX MANGION- AM |
| | Sinjura | CONNIE SCERRI- CS |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD- SE |

Kulhadd kien prezenti ghall-bidu tal-laqgha bl-eccezzjoni tas-Sinjuri RC u JD li waslu ftit tard

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
Approvati unanimament.

Is-Sindku talab sospensjoni tal-laqgha sabiex jitkellem is-Sur Adrian Muscat u s-Sur Mario Tufigno ghan-nom tal-kumpanija Waste Collection Limited fuq it-tender ta' Gbir ta' Skart. Is-Sinjuri RC u JD dahlu kwazi fl-imkien f'dan il-waqt. Is-Sur Mario Tufigno beda billi tefa` dokumentazzjoni fuq il-mejda fejn l-ewwelnett qal li l-kliem *separate compartment* zgwidhom ghax ried jigi *separate compartments* u ma kienx jiftiehem, kif ukoll li dejjem kienet procedura li huma jibghatu *sample form* l-Kunsilli Lokali sabiex jibghatulhom referenzi u jibghatulhom din kif ghandha tkun miktuba. Is-SE qalet li l-kliem *separate compartment* kienet miktuba tajba, it-tender kollha fiha nnifisha kienet tajba ghax formulata fuq templates tad-DLG u mhix etika li tpoggi f'halq Kunsill Lokali x'ghandu jikteb. Is-Sur MS qal li tajba qeghda ghax *compartment* u mhux *compartments* ghax kompartament wiehed ikollok imma maqsum ghalhekk *separate*. Apparti hekk hi kompliet li l-ebda dokument fit-tender kollu immarkat originali ma kien originali imma kollu photocopy jew scanned ghall-kuntrarju tat-tenderer l-iehor li kellu dokumentazzoni kollha b'inka blu jew sewda. F'dan il-waqt is-s-Sur Adrian Muscat intervjena u qal li hekk kif qed tghid hi l-logbooks riedu jkunu originali wkoll. Is-SE qalet li ovvja li le imma mmarkati true copy of original imma ittra ta' riferenza mghotija lilhom specifikament ghat-tender in kwistjoni riedet tkun originali la tkun intalbet. Kien ghalhekk kompliet hi li waqt process ta' skrutinju tad-dokumentazzjoni kollha taz-zewg tenders hi ndunat bl-ittra ta' riferenza tal-Kunsill Lokali Lija ghax kienet kelma b'kelma bhal dik tal-Kunsill Lokali Valletta u hi kull m'ghamlet hu d-dover taghha li ccekjat mal-Kunsill rispettiv cioe' Kunsill Lokali Lija jekk din ihargitx mill-Ufficcju rispettiv u rrizulta li mhux talli din l-ittra ma kienetx originali u nkluza fit-tender bhalha ittra ta' riferenza imma talli din qatt ma nharget mill-Ufficcju tal-Kunsill Lokali Lija u li qatt ma kienet iffirmata mis-Segretarju Ezekuttiv Georgette Borg. Is-Sur Muscat hawn qabez jghajjat kif il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qghad fuq il-kelma ta' bicca mara ta 51 sena, li din l-ittra inghatat lilhu minn xi hadd mill-Kunsill Lokali Lija, mhux mis-Segretarja nnifisha u li hemm CCTV tixhed dan u saqsa ghala ma giex imsejjah jitkellem, u li kien jistenna li jigi msejjah jghati r-ragunijiet tieghu. Qal ukoll li ma kellux ghalfejn jitfa' din ir-riferenza la kellu hames riferenzi ohra x'jibbekkjaw. Is-SE qalet li ma kienx hemm ghalfejn jigi msejjah jitkellem ghax dak li kellhom jghidulu qaluhulu verbalment hi fit-12 ta' Gunju fis-2.20 pm permezz ta' telefonata fl-ufficcju tal-Kunsill fejn hi

tkellmet mas-Sur Mario Tufigno u taghtu r-ragunijiet kollha ghala t-tender tieghu giet rifjutata fosthom li kellu dokumentazzjoni mhix originali, ittra mhix awtentikata b'firma originali u li anka l-ispecifikazzjonijiet tat-trakkijiet ma kienux jaqblu meta tat-tenderer l-iehor kienu, li taghtu wkoll spjegazzjoni bil-miktub fl-24 ta' Gunju wara l-e-mail taghhom tat-23 ta' Gunju u li kien ghad fadlilhom 8 t'ijiem cans biex jappellaw jekk riedu jappellaw haga li m'ghamlux. Dan apparti telefonati ohrajn lilha u lis-Sindku fejn fil-process kollu sa minn meta nharget it-tender sakemm inghalaq u anka wara inghata l-informazzjoni kollha dejjem. Qalet ukoll li biex il-Kunsill ikun gust tqabbad evalwatur u kien hu li ghadda l-informazzjoni lill-Kunsill tramite hi u s-Sindku li ma kienx hemm bzonn li jsir l-ebda rapport ghax kien ikunu flus fil-hela u li jekk il-Kunsill jimxi fuq id-dokumentazzjoni li kellu kien bizzejjed biex jiehu decizjoni u li din kienet strettament decizjoni tal-Kunsill. Is-Sur Muscat beda jirrabbja u pogga dubbju fuq dak li qal l-evalwatur ukoll. Sahansitra qal li l-Kuntratt gie ffirmat malajr malajr u li ga kien iffirmat sa gimgha wara l-laqgha tal-Kunsill precedenti. Is-SE qalet li ma kien hemm xejn hazin ghax il-Call ukoll kienet open fuq il-gazzetta The Malta Independent tas-6 ta' Mejju u li l-process tal-ghazla kien wiehed fejn intghazlu tlieta *at random* u ma setax kien iktar trasparenti minn hekk. Sahqet fl-ahhar li ma tafx minn fejn seta' gab l-informazzjoni fuq li l-Kuntratt gie ffirmat malajr gimgha wara ghax mhux minnu ghax dan gie ffirmat kif suppost wara l-eghluq tal-appell. Is-Sur Muscat qal li ma jimpurtax fil-kaz jiddiskutu iktar `l quddiem il-Qorti. Il-Kunsill qal li ha jkompli jiddiskuti u s-Sinjuri hallew il-kamra. Is-Sur Spiteri saqsa lis-SE jekk hi kelliex xi rizervi specjalment peress li s-Sur Muscat semma l-Qorti Regghu iddiskutew ukoll il-kwistjoni kompartament ukoll u fl-opinjoni taghhom kollox kien sew. Is-SE qalet li hi ghandha d-dokumentazzjoni kollha mirfugha u l-process kollu kien legalment korrett u dak li jinteressaha, ghaldaqstant ma thoss li ghandha tippersisti iktar u li fil-kaz tiehu parir tal-Avukat u d-Dipartiment ukoll jekk ikun hemm bzonn. Kulhadd qabel.

**2. PUNTI MQAJJMA**

Ma kienx hemm punti mqajjma.

**3. KORRISPONDENZA**

Giet imressqa din il-korrispondenza:

- E-mail sabiex isir rapport lill-Pulizija dwar il-vandalizmu fuq is-sigar ta' sigar f'Wied Irmiedi. Il-Kunsill ikkundanna dan l-agir
- E-mail minghand Cheryl Falzon Deputy Librarian rigward hinijiet estizi sabiex jaghmlu uzu u self ta' kotba ta' Skolasajf. Dan ifisser li l-hinijiet prezenti tal-Librerija tal-Kunsill flimkien mal-ispiza relattiva sal-15 ta' Settembru se jigu koperti mis-Central Public Library.
- E-mail minghand Animal Guardians rigward ghajnuna finanzjarja. Minhabba li kien hemm e-mail li jista' jkun hemm xi implikazzjonijiet legali dan l-item ha jigi diskuss darb'ohra.
- Talba sabiex tigi riveduta s-somma sabiex isir studju fuq il-konsenturi tal-Kappella ta' San Pawl. Se tintalab approvazzjoni lir-Regjun flimkien ma' progetti zghar bhall-bankini ta' Triq il-Pjazzetta, Triq Hal-Warda, l-uprooting tas-sigra fi Triq Sant'Anton u l-concrete ta' Triq Hannibal.
- Kwotazzjoni plakka tal-Acyrillic Transparent. Il-Kunsill qabel mal-kwotazzjoni u ha jintalab permess lin-Nunzjatura sabiex titwahhal mal-faccata.

**4. APPROVAZZJONI PAGAMENTI LULJU**

Is- Sur Alfred Zammit saqsa fuq ghala l-pagi tal-haddiema qeghdin Internet Banking. Is-MS spjega li dawk qeghdin hekk ghax jithallsu bl-internet imma xorta ma kienx hemm ammonti. Is-SE qalet li ma kienx hemm ammonti ghax kien jonqos hmistax ghall-pagi. Is-Sur MS allura propona sabiex ma jkunx hemm ghalfejn jergghu jigu approvati l-pagamenti biex jew tahdimhom minn qabel jekk mhux hafna xoghol ghas-SE jew is-Sur RC qal ikunu fuq cedola separata u jigu approvati wara. Is-SE qablet li tahdimhom

qabel ghax xorta jekk jew b'hekk ikunu lesti u kif qal tajjeb is-Sur MS il-pagi dejjem huma approsimmattivi.
Is-Sur Alfred Zammit saqsa fuq il-pagament ta' Joe Tabone u jekk ingabx perit. Is-Sur SC qal li l-Perit ikun hemm hinijiet matul ix-xoghol u l-kejl ghalkemm jittiehed mis-Sur Philip Caruana ma tantx hemm f'hiex titfixkel ghax ir-rati huma *straight foward*. Is-SE qalet li hi ticcekkjhom ukoll u meta ssib xi diskrepanzi izzomm l-*invoice* l-antika u tinhareg ohra gdida.

## 5. LIBRERIJA PUBBLIKA

Is-Sur RC qal li waqt is-seduta tal-Qorti il-Magistrat talab lista tal-kotba kollha li ttiehdu mill-Librerija minghajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Qal ukoll li l-gimgha d-diehla jixtieq jintaqa' ma' Cheryl Falzon u l-librara sabiex jinbeda l-process tal-weeding ta' kotba.....kulhadd qabel. Qal ukoll li fil-granet li gejjin sejjer mal-Perit Edward Said sabiex ikejjlu l-Istazzjon u jibdew jahdmu fuq il-kmamar ghall-librerija l-gdida kif originarjament kienu fl-antik.

## 6. JUM Ħ'ATTARD

Jum Ħ'Attard se jsir nhar it-3 t`Ottubru 2015 u jibda b'quddiesa fil-5.15pm. Din id-data hija provizorja u ghandha tigi diskussa iktar il-quddiem specjalment kif ha jsir Gieh Ħ'Attard.

## 7. GEMELLAGG

Id-Delegazzjoni Franciza se zzur Malta bejn id-29 t'Ottubru u 2 ta' Novembru 2015. Ghandu jingab Avviz ghal-Host Families fir-Rivista minhabba li dawn qed jinsistu li joqghodu mal-familji.

## 8. AFFARIJIET OHRA

Is-Sinjura CS ressaq dawn il-punti:

- Li ha tattendi Seminar Active Citizens for Active Climate Change imqassam fuq jumejn 16/17 ta'Lulju
- Saqsiet meta ha jerghu isiru Zumba Classes. Is-SE qalet li minn Ottubru jekk Alla jrid.
  Is-Sinjura CS halliet il-kamra.

Is-Sur SC ressaq dawn il-punti:

- Talab l-approvazzjoni sabiex jinbeda process ta' studju ta' One-Way system fi Triq l-Ghenba /Triq il-Linja u li ha jigi kkuntatjat il-Perit. Is-Sur Alfred Zammit saqsa jekk hux Triq il-Linja fejn l-Ambaxxata jew le? Is-Sur SC qal li jrid isir pjan hollistiku fuq l-area kollha u li aktarx le imma minn iktar 'l fuq skond kif ha jipproponi l-istudju ta' *Traffic Management* fuq l-*area*. Kulhadd qabel.

  Is-SE talbet biex l-artikli jkunu lesti sal-31 ta' Lulju jekk jista' jkun.

Is-Sur MS ressaq dawn il-punti:

- Talab l-approvazzjoni sabiex issir sleeping policeman fi Triq il-Gradilja quddiem id-dar `Cottonwood'. Is-Sur Zammit qal li hemm bzonn issir ohra fi Triq A. Durer quddiem id-dar ta' Damian. Is-Sur SC qal li qabel ma tintbaghat lil TM issir konsultazzjoni mar-residenti.
- Li jinghata kreditu lill-awtur Steve Bonello ghall-artiklu tieghu li deher fil-fuljett Bizilla.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Saqsa ghala ma tkompliex hajt li kien inbeda fi Triq il-Wied ta' Rmiedi. Is-Sur RC qal li kien waqaf hesrem vera u li fl-istess area fi Triq l-Imdina hemm arblu mghawweg. Il-Kunsill ghandu jiccekkja kollox.
  Qal li fl-ahhar laqgha meta ddiskuta l-proposta biex jinxtara l-post fi Triq Hannibal ta' Filippo Camilleri, ha l-ideja li kien sar ftehim mal-Football Club fuq il-Ufficcini l-godda tal-Kunsill u talab kopja tal-ftehim li spera li sar quddiem Nutar.
  Is-Sur SC qal li ma sar l-ebda ftehim mal-klabb bil-miktub, li kienu ddiskutew u rrivedew ir-rati ta' ħlas ta' kera u li l-Kunsill kien iddecieda *way foward* sabiex jintlahaq ftehim fuq it-tender sottomessa. Dak kollox. Il-Kunsill ha jkompli jiddiskuti.
- Talab biex l-X3 tibda taghmel waqfiet fejn hemm stops. Il-Kunsill se jikteb lill-TM.

Is-Sur RC ressaq dawn il-punti:

- Talab l-approvazzjoni sabiex tinghata ghajnuna lill-Kazin tal-Banda La Stella Levantina sabiex imorru Raccucia Sqallija fuq stedina tas-Sindku ta' Raccucia ghall-jumejn.
  Is-Sur AM halla l-kamra. Qal li l-ispejjez huma kbar u l-Kunsill jista' jghin b'xi mod f'dan l-iskambju kulturali. Il-Kunsill approva s-somma ta' €500 sabiex jiehu sehem f'din l-attivita`.

Is-Sur RA ressaq dawn il-punti:

- Talab li jsiru tabelli ghall-Qniefed skond kif qed tipproponi Nature Trust.
- Li l-Auto Reply darba hadmet. Is-SE qalet li tahdem qeghda.
- Li xorta hemm hafna periklu meta nies jaqsmu mit-Traffic Lights. Talab li jsiru speed cameras maghhom. Li d-dwal tal-Belisha ghandhom ikunu LED. Is-SE qalet li hekk huma anzi hafna minnhom huma solar.
- Biex jigi ccekkjat xi skemi hemm minhabba artiklu li deher fuq Newsbook.com fuq accessibilita' fil-Kunsilli Lokali li 13 minnhom mhumiex fosthom ahna. Is-SE qalet li skemi kienu hargu imma qabel ma tissolva l-problema tal-Ufficcini inutli l-Kunsill jidhol fi spejjez extra fuq il-post ezistenti.

**9. AGGORNAMENT**

Il-laqgha giet aggornata ghall-Erbgha,5 t'Awissu 2015 fil-5.30 ta' filghaxija.

________________________ ____________________

Sindku Data